# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 685/2017 MH**

**Illum, 16 ta' Ottubru, 2020**

**Suzanne Busuttil (K.I. 19076M) u Brian Busuttil (K.I. 525373 M) f`ismu proprju u bħala Direttur f`isem u in rappreżentanza ta` Stealth Holdings Limited (C 26763)**

**vs**

**1) Ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili, 2) Francis Busuttil & Sons Limited (C334), 3) B & S Contractors Limited (C 552), 4) Franco Busuttil (K.I.11461M), 5) Michael Busuttil (K.I. 51261M), 6) Joseph Busuttil (K.I. 90968M), 7) Christian Busuttil (K.I. 199278M) u 8) Jean Paul Busuttil (K.I. 102172M), ilkoll fil-kwalita` tagħhom kollha bħala diretturi f`isem Francis Busuttil & Sons Limited u B & S Contractors Limited, ħlief Franco Busuttil li ma huwiex Direttur ta` B & S Contractors Limited u Jean Paul Busuttil li ma huwiex direttur ta` Francis Busuttil & Sons Limited; u għal kull interess li jista'jkollhom 9) Dr Joseph J.Vella (K.I.1018249M), 10) Dr Albert Grech (K.I.113649M), 11) P.L. Gerald Bonello (K.I.293969M), 12)**

**Dr John Refalo, 13) P.L. Nicolette Aquilina di Noto u 14) P.L.Hilda Ellul-Mercer**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-atturi tas-26 ta' Lulju 2017** li permezz tiegħu esponew:

1. *'ILLI dan ir-rikors qed jigi pprezentat a tenur tal-Artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fir-rigward tar-rikors numru 12/2015 JZM fl-ismijiet* ***"Suzanne Busuttil et vs Francis Busuttil & Sons Limited et",*** *liema rikors gie deciz fit-30 ta' Marzu 2017, permezz tal-provvediment li kopja tieghu qed jigi hawn* ***anness u mmarkat Dok A.***

2. *ILLI dan ir-rikors ser jargumenta s-segwenti:*

   i. *Li l-kolonna fisem "B&S Contractors Limited" fit-taxxa mahruga mir-Registratur u li qeghda hawn annessa u mmarkata Dok B, ghandha tigi mhassra ghaliex l-istess B&S Contractors Limited irrispondiet ghall-kawza u kienet rapprezentata flimkien mal-intimati l-ohra matul il-proceduri kollha u allura tifforma parti mill-'et' fil-kolonna mmarkata "Francis Busuttil & Sons Limited et"; u*

   ii. *Li anke li kieku, dato ma non concesso, jitqies illi d-diretturi kellhom d-dritt jirrispondu ghall-kawza personalment, dan ifisser illi l-kolonna mmarkata "B&S Contractors Limited" ghandha tigi kkorreguta sabiex taqra "Jean Paul Busuttil" u tigi mnaqqsa b'terz hekk skont l-Artikolu 33 tat-Tariffa E tal-Ewwel Skeda tal-Kap 12.*

***<u>Il-kolonna f'isem "B&S Contractors Limited" fit-taxxa mahruga mir-Registratur u li qeghda hawn annessa u mmarkata Dok B, ghandha tigi mhassra ghaliex l-istess B&S Contractors Limited irrispondiet ghall-kawza u kienet rapprezentata flimkien mal-intimati l-ohra matul il-proceduri kollha u allura tifforma parti mill-'et' fil-kolonna mmarkata "Francis Busuttil & Sons Limited et"</u>***

3. *ILLI hekk kif jirrizulta mill-precitat provvediment (pagna 4 ta' Dok A), l-intimati kollha kienu pprezentaw risposta fil-5 ta' Frar 2015 (fol 10 tal-ewwel volum tal-process). Fil-fatt il-provvediment jaghmel referenza ghal tali risposta, bis-segwenti mod:*

   *"Rat ir-risposta* ***<u>tal-intimati kollha</u>*** *prezentata fil-5 ta' Frar 2015 li taqra hekk-"*

   *U hekk ukoll l-istess risposta tipproklama li hija "Risposta tal-intimati kollha" (ara* ***Dok C hawn anness).***

4. *ILLI in vista ta' dan, jinghad preliminarjament illi d-diretturi ta' B&S Contractors Limited, u cioe, Michael, Joseph, Christian u Jean Paul Ikoll Busuttil, gew imsejhin bhala intimati f'din il-kawza mhux personalment izda fil-kwalita taghhom ta' diretturi* ***f'isem il kumpannija*** *B&S Contractors Limited. Dan il-fatt johrog car ukoll mill-okkju tal-kawza li kien jaqra:*

   *"... ilkoll fil-kwalita taghhom kollha bhala* ***diretturi f'isem*** *Francis Busuttil & Sons Limited u* ***B&S Contractors Limited****..."*

   *Dan ifisser illi bhala diretturi li jirraprezentaw kumpannija, kellhom dritt jirrispondu ghan-nom tal-istess kumpannija, kif fil-fatt ghamlu nhar il-5 ta'*

*Frar 2015, izda kull direttur ma setghax jaghmel ir-risposta tieghu separata. Li kieku dan kien possibbli, il-Qorti setghet jkollha hames risposti differenti u possibbilment konfliggenti minghajr ma setghet tkun taf liema minnhom kienet ser titqies bhala r-risposta tal-kumpannija. B'hekk billi l-kumpannija B&S Contractors Limited kienet diga rrispondiet ghall-kawza fil-5 ta' Frar 2015, ma kienx hemm lok li terga tirrispondi fid-9 ta' Frar 2015* ***(ara Dok B u kopja tal-istess risposta hawn anness u mmarkat Dok D)****, jew jekk xejn tali risposta kellha titqies bhala wahda ulterjuri u intaxxata fl-istess kolonna mal-bqija tat-taxxa elenkata lill-istess B&S Contractors Limited flimkien mal-intimati l-ohra u mhux tigi kreata kolonna separata fit-taxxa. Dan ghaliex, anke li kieku, wiehed mid-diretturi ghogbu jqabbad avukat iehor ghall-istess kumpannija, dan ma jfissirx illi r-rikorrenti ghandhom ihallsu darbtejn ghall-ispejjez professjonali ta' kumpannija* ***wahda*** *u dan skont l-Artikolu 32 tat-Tariffa A tal-Ewwel Skeda tal-Kap 12:*

*32. (a) Jekk ikun imqabbad izjed minn Avukat wiehed mill-istess parti fl-istess kawża, kull wiehed mill-Avukati jkun intitolat ghad-dritt shih stabbilit:*

*Iżda l-parti li tirbah il-kap tal-ispejjeż, ghalkemm tkun qabbdet izjed minn Avukat wiehed, ma jkollhiex dritt li titlob lill-parti telliefa iżjed minn dritt wiehed shih.*

*32. (b) Meta f'kawża jkun hemm zewg atturi jew iżjed jew żewg konvenuti jew iżjed, kull wahda mill-partijiet ikollha dritt ghall-Avukat jew Avukati taghha anke jekk il-meritu huwa l-istess dwar l-atturi kollha jew dwar il-konvenuti kollha; u l parti kundannata li thallas I-ispejjeż tkun marbuta li thallas id-drittijiet xierqa tal Avukati kollha tan-naħa tar-rebbieha*

*sakemm ebda parti wahda ma titlob spejjeż ta' aktar minn Avukat wiehed.*

5. *ILLI b'hekk jigi sottomess illi l-kolonna fit-taxxa annessa (Dok B) immarkata bhala "B&S Contractors Limited" ma kellha qatt tezisti ghaliex B&S Contractors Limited kienet irrispondiet ghall-kawza tramite l-avukat taghha Dr Joseph J Vella, u baqghet hekk rapprezentata matul il-proceduri kollha. Jinghad ukoll illi anke li kieku kellu jigi accetat illi kien id-direttur Jean Paul Busuttil wahdu li fittex rapprezentanza ulterjuri, peress illi dan kien intimat biss fisem il-kumpannija B&S Contractors Limited, u mhux personalment, dan qatt ma seta' jsir, ghaliex hu seta' biss jirraprezenta l-kumpannija, liema kumpannija kienet diga rraprezentata, mhux l-inqas minn tlieta minn hamsa mid-diretturi taghha. Jinghad ukoll illi l anqas ma seta' Jean Paul Busuttil wahdu jagixxi ghall-kumpannija peress illi ma kienx vestit bir-rapprezentanza tal-istess (ara Dok E) u allura r-risposta tieghu, peress illi seta' jagixxi biss bhala direttur u mhux personalment, u peress illi ma setghax jagixxi wahdu ghan-nom tal-istess kumpannija ma messhiex giet accettata bhala risposta separata ghall-istess kumpannija.*

6. *ILLI fil-fatt il-provvediment tal-Qorti tat-30 ta' Marzu 2017, ma jsemmi ebda risposta ohra fil-parti taghha fejn hija telenka liema atti u provi analizzat sabiex waslet ghall-konkluzjoni taghha, hlief ir-risposta tal-5 ta' Frar 2015. Wiehed jassumi li dan huwa ghaliex kull ma kellha bzonn il-Qorti, kien il-posizzjoni tar-rikorrenti u l-posizzjoni tal-kumpanniji intimati.*

7. *ILLI b'hekk jigi sottomess li l-kolonna mmarkata "B&S Contractors Limited" fit-taxxa annessa ghandha tigi mhassra.*

***ii. Anke li kieku, dato ma non concesso, jitqies illi d-diretturi kellhom d-dritt jirrispondu ghall-kawza personalment, dan ifisser illi l-kolonna mmarkata "B&S Contractors Limited" ghandha tigi kkorreguta sabiex taqra "Jean Paul Busuttil" u tigi mnaqqsa b'terz hekk skont l-Artikolu 33 tat-Tariffa E tal-Ewwel Skeda tal-Kap 12.***

8. *ILLI bla pregudizzju ghal dan kollu, dato ma non concesso li d-diretturi kellhom jitqiesu bhala konvenuti f'isimhom propju (haga li l-esponenti jopponu), allura ir-risposta tad-9 ta Frar 2015, dejjem bla pregudizzju ghal dak diga argumentat, kellha titqies risposta ta' Jean Paul Busuttil, bhala direttur tal-B&S Contractors Limited, izda pero mhux ghan-nom u/jew in rapprezentanza tal-istess B&S Contractors Limited; fil-fatt jidher mill-estratt tas-sit elettroniku tal-MFSA* ***hawn anness u mmarkat Dok E*** *illi r-rapprezentanza legali u gudizzjarja tal-kumpanija B&S Contractors Limited hija vestita f'Joseph Busuttil (I.D. 90968M) u allura ma setghax, Jean Paul Busuttil wahdu jagixxi ghan-nom tal-kumpannija.*

9. *ILLI ghalhekk, l-esponenti jissottomettu bir-rispett, illi r-Registratur ma kienx floku li jelenka kolonna separata ghas-socjeta B&S Contractors Limited fit-taxxa annessa (Dok B) u dan ghaliex l-istess socjeta' kienet diga rrispondiet ghat-talbiet attrici permezz tar-risposta pprezentata fil-5 ta' Frar 2015 u baqghet hekk irrapprezentata matul il-proceduri kollha. Ghalhekk, se mai jekk il-Qorti togghobha tqies illi direttur wahdu kellu d-dritt illi jirrispondi personalment ghal din il-kawza, it-taxxa li kellha tinhareg, messha kienet a favur tad-direttur u mhux ukoll tal-kumpannija.*

10. *ILLI kien fil-fatt is-Sur Jean Paul Busuttil illi jidher li biddel ir-rapprezentanza legali tieghu wara li giet ipprezentata din ir-risposta. Fil-fatt l-ewwel risposta pprezentata fil- 5 ta Frar 2015 (u dik li jidher illi rat il-Qorti*

*qabel ma hadet id-decizjoni taghha gustament ghaliex irraprezentat l-opposizzjoni shiha tal-intimati kollha) saret ghan-nom tal-intimati kollha inkluz Jean Paul Busuttil: fil-fatt jidher mill-verbal tal-ewwel dehra tal-24 ta' Frar 2015 (hawn anness u mmarkat Dok F) illi kien dakinhar biss illi Dr Joseph J. Vella irrinunzja ghall-patrocinju ta' Jean Paul Busuttil. Il-verbal jghid carament:*

*"Dr Vella, b'riferenza ghall-ewwel eccezzjoni tal-intimati kollha hlief ghal Jean Paul Busuttil, li tieghu Dr Vella qieghed jirrinunzja ghall-patrocinju, jirrileva illi d-decizjoni li tirreferi ghaliha l-eccezzjoni, hija l-interim order..."*

*Peress illi din kienet l-ewwel dehra (fejn fil-fatt Jean Paul Busuttil gie rapprezentat minn Dr John Refalo), li kieku r-risposta tal-5 ta' Frar 2015 ffirmata mill-istess Dr Vella ma kinitx ukoll ghan-nom ta' Jean Paul Busuttil, Dr Vella ma kien ikollu ebda skop li jirrinunzja ghall patrocinju tieghu li kieku ma kienx diga, permezz tar-risposta pprezentata fil-5 ta' Frar 2015,*

11. *ILLI ghalhekk jidher illi l-kolonnna fit-taxxa annessa li qeghda prezentament immarkata bhala dik ta' "B&S Contractors Limited" ghandha tigi emendata sabiex taqra "Jean Paul Busuttil" u dan ghaliex, it-taxxa kif inhi llum qeghda taghti lok ghal doppja spejjez peress illi l-avukat Dr Joseph J Vella (li kien irrinunzja ghall-patrocinju ta' Jean Paul Busuttil) qieghed jippretendi l-hlas ghall-kolonna erronjament immarkata "B&S Contractors Limited", meta din il-kolonna kellha tigi mmarkata "Jean Paul Busuttil", li se mai, ghandu jithallas tieghu l-Avukat Dr John Refalo.*

12. *ILLI di piu, l-Artikoli 32 (fuq cittat), 33, 34 u 35 tat-Tariffa E tal-Ewwel Skeda tal-Kap 12 jipprovdu:*

*33.Jekk Avukat jitlaq lill-klijent jew jigi abbandunat mill-klijent:*

*i. wara li r-rikors jew ir-risposta tkun giet preżentata, ikollu jedd ghal terz tad-dritt normali;*

*ii. wara l-istadji ta' hawn fuq iżda qabel ma tiġi differita l-kawża ghas-sentenza, jkun intitolat ghal żewg terzi tad-dritt normali.*

*34.Id-dritt dovut lill-Avukat li jkun imqabbad wara li l-ewwel wiehed ikun abbandunat mill-klijent jew wara li l-ewwel Avukat ikun abbanduna lill-klijent qabel ma tigi deċiza l-kawża jkun daqs id-differenza bejn id-dritt shih u d-dritt intaxxat mill-ewwel Avukat. ld-dritt li ghandu jithallas lit-tielet Avukat jew Avukat iehor li jigi wara, ghandu dejjem ikun ta' terz tad-dritt shih.*

*35.F'kull każ li jaqa' taht il-paragrafi 33 u 34, il-parti li tqabbad iżjed minn Avukat wiehed, wiehed wara l-iehor, li tkun fin-naha rebbieha, ma tistax titlob lill-parti telliefa iżjed minn dritt wiehed shih.*

13.ILLI in vista ta' dawn l-Artikoli, peress illi Jean Paul Busuttil, kien diga', permezz tar-risposta pprezentata fil-5 ta' Frar 2015, ipprezenta risposta tramite l-Avukat Dr Joseph J. Vella, dan ifisser illi anke wara li l-kolonna mmarkata "B&S Contractors Limited" tigi kkorreguta sabiex taqra "Jean Paul Busuttil", l-ammont reklamat fit-taxxa ghad-dritt tal-avukat f'din il-kolonna (u konsegwentament tal-P.L. ukoll) ghandha tigi mnaqsa b'terz hekk skont l-Artikolu 33 hawn fuq iccittat, u dan peress illi Dr John Refalo, li deher ghal Jean Paul Busuttil, kien fil-fatt irrapprezenta l-istess wara li diga kienet giet ipprezentata r-risposta tieghu. B'hekk ir-risposta pprezentata fid-9 ta' Frar 2015 ghandha titqies bhala r-risposta ulterjuri ta' Jean Paul Busuttil.

*GHALDAQSTANT u ghar-ragunijiet suesposti, l-esponenti umilment jitolbu li din l Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka t-taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qrati Civili fil-kawza "**Suzanne Busuttil et vs Francis Busuttil & Sons Limited et**" Rikors numru 12/2015 JZM stante li hija bbazata fuq suppozizzjoni erroneja ta' dritt u ta' fatt u thassar u tirrevoka wkoll id-drittijiet kollha indikati fl-istess taxxa u minflok tordna li l-kolonna mmarkata bhala "B&S Contractors Limited" tigi mhassra kompletament, jew fin-nuqqas, li tigi mmarkata bhala "Jean Paul Busuttil", u d-dritt tal-avukat f din l-istess kolonna tigi mnaqqsa b'terz hekk skont l-Artikolu 33 hawn fuq citat u dan taht kull provvediment li jidrilha li hu xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjez.'*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata ta' Francis Busuttil & Sons Limited (C334), B & S Contractors Limited (C 552), Franco Busuttil (K.I.11461M), Michael Busuttil (K.I. 51261M), Joseph Busuttil (K.I. 90968M), Christian Busuttil (K.I. 199278M), Dr Joseph J. Vella (K.I.1018249M), Dr Albert Grech (K.I.113649M), P.L. Gerald Bonello (K.I.293969M) tat-13 ta' Settembru 2017**[1] permezz ta' liema ressqu dawn l-eċċezzjonijiet –

1) *'Illi din hija r-risposta tal-esponenti ghat-talba ghar-ritassar tal-kawza numru 12/15 JZM fl-ismijiet "Suzanne Busuttil et vs Francis Busuttil & Sons Limited et", liema kawza inbdiet permezz tar-Rikors ta' Suzanne Busuttil et*

[1] Fol 39 et seq

*li kien gie prezentat fis-7 ta' Jannar 2015 (Dok. "FBS 1") u liema kawza giet deciza minn dina l-Onorabbli Qorti fit-30 ta' Marzu 2017.*

2) *Illi bit-tassassjoni li ssir wara li tigi moghtija sentenza jigu determinati zewg serji ta' rapport patrimonjali; wiehed jirrigwarda r-relazzjonijiet tal-kollitiganti bejniethom, u t-titolu ta' ezekuzzjoni huwa s-sentenza stess; u l-iehor jirrigwarda r-relazzjonijiet bejn id-difensuri u l-klijenti, u t-titolu ezekuttiv huwa t-taxxa (vide s-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti tat-12 ta' Frar 1946 fl-ismijiet "**John Falzon ne. vs Dr. Giuseppe Vella ne. et.**").*

3) *Illi ghalhekk preliminarjament, ir-rikors promotur tal-kawza odjerna huwa impostat inkorrettement ghaliex l-Avukat Dottor Patrick Galea u l-Prokuratur Jean Pierre Busuttil (li kienu l-Avukat u l-Prokuratur Legali tar-rikorrenti fil-kawza li nbdiet permezz tar-Rikors ta' Suzanne Busuttil et li kien gie prezentat fis-7 ta' Jannar 2015 (Dok. "FBS 1")) kellhom ukoll jkunu rikorrenti (u mhux biss semplici firmatarji bhala Avukat u Prokuratur Legali fil-kawza odjerna). Ghalhekk jigi eccipit in-nullita' ta' l-istess rikors promotur tal-procedura odjerna.*

4) *Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit qed issir refenza ghall-artikolu 32(b) tat-Tariffa E li tal-Iskeda A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta) li jghid:*

> *"Meta f'kawża jkun hemm żewġ atturi jew iżjed jew żewġ konvenuti jew iżjed, kull waħda mill-partijiet ikollha dritt għall-Avukat jew Avukati tagħha anke jekk il-meritu huwa l-istess dwar l-atturi kollha jew dwar il-konvenuti kollha; u l-parti kundannata li tħallas l-ispejjeż tkun marbuta li tħallas id-drittijiet xierqa tal-Avukati kollha tan-naħa tar-rebbieħa*

*sakemm ebda parti waħda ma titlob spejjeż ta' aktar minn Avukat wieħed."*

5) *Illi skond ir-rikorrenti odjerni (vide paragrafu numru 4 a fol 2 tar-Rikors promotur tal-kawza odjerna) huma elenkaw diversi mill-intimati fil-kawza numru 12/2015 JZM bhala intimati f'dik il-kawza fil-kwalita' taghhom ta' diretturi f'isem tal-kumpanniji intimati Francis Busuttil & Sons Limited u B&S Contractors Limited. Minn hawn jsegwi li l-intenzjoni kienet ghalhekk li l-legittimi kontradditturi f'dik il-kawza kellhom jkunu BISS* ***l-imsemmija Francis Busuttil & Sons Limited u B&S Contractors Limited*** *u mhux id-diversi persuni l-ohra li gew indikati bhala intimati fl-okkju ta' dik il-kawza.*

6) *Illi fil-fatt minn harsa lejn it-talba mghamula lil dina l-Onorabbli Qorti fir-Rikors ta' Suzanne Busuttil et (promotur tal-kawza numru 12/2015 JZM (Dok. "FBS 1")) jirrizulta li dik il-kawza saret biss biex dina l-Onorabbli Qorti "taghti rimedju a tenur tal-Art 402 tal-Companies Act, billi twaqqaf jew thassar u twaqqaf il-bejgh u t-trasferiment ta' l-assi u l-business ta' B&S Contractors Limited lil Francis Busuttil & Sons Limited Group, u taghti kull direttiva u provediment li jidhrulha xierqa" u m'hijiex indirizzata lejn l-ebda wahda mill-intimati l-ohra citati fl-imsemmi rikors promotur.*

7) *Illi dan il-fatt huwa sottolineat aktar bin-notifiki li saru in konnessjoni mar-rikors promotur. Hekk kif jixhed l-anness Dok. Dok. "FB 4" in-notifika tar-rikors promotur originali ta' l-2015 sar lil* ***zewg intimati*** *BISS -* ***B&S Contractors Limited u lil Francis Busuttil & Sons Limited****!*

8) *Illi ghalhekk jidher bic-car, kif inghad aktar-il fuq, li dik il-kawza (12/2015 JZM) kienet indirizzata lil zewg kontendenti biss, cioe'* ***B & S Contractors Limited*** *u lil* ***Francis Busuttil & Sons Limited Group****.*

9) *Illi ghal dawn iz-zewg intimati (B&S Contractors Limited u Francis Busuttil & Sons Limited), mill-bidu nett tal-kawza numru 12/2015 JZM sat-tmiem taghha, baqghu jidhru ghalihom l-Avukati Dottor Joseph J Vella u Dottor Albert Grech.*

10) *Illi minn dan kollu jirrizulta li, fuq it-taxxa mertu ta' din il-kawza (Dok. "B" anness mar-Rikors promotur ta' din il-kawza) giet moghtija mir-Registratur kolonna wahda a favur tal-atturi u gew moghtija zewg kolonni a favur tal-intimati, u cioe' dawk intitolati "Francis Busuttil & Sons. Ltd. Et" u B&S Contractors Ltd." Dawn il-kolonni korrettement jirraprezentaw ir-relazzjoni patrimonjali bejn il-litiganti principali fil-kawza numru 12/2015 JZM u kellhom u ghandhom jwasslu biex is-sentenza finali tigi ezegwita kontra l-parti telliefa fil-kawza.*

11) *Illi l-impostar tar-rikors promotur tal-kawza numru 12/2015 JZM (inkluz l-okkju) tant ma kienx felici (in kwantu li ssemmew, forsi inutilment numru kbir ta' konvenuti ilkoll fil-kwalita` taghhom kollha bhala diretturi f`isem tal-kumpanniji intimatati li taghhom kienu diretturi) li fetah il-bibien ghal possibilita' li jigu pprezentati numru ta' risposti minn ohra oltre dawk tal-kontendenti principali f'dik il-kawza.*

12) *Illi fil-fatt kien proprju dak li gara stante li jidher li gew pprezentati ZEWG risposti - fil-5 ta` Frar 2015 giet prezentata r-risposta ta' l-intimati kollha. Din tinstab a fol. 10 tal-process. Kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "FBS 2", u fid-9 ta` Frar 2015 giet prezentata r-risposta ta' Jean Paul Busuttil (ID 102172M) bhala direttur ta' B & S Contractors Limited. Din tinstab a fol. 13 tal-process. Kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "FBS 3", ghall-prezentata ta' liema*

*tieni Risposta da parti ta' Jean Paul Busuttil, Suzanne Busuttil et QATT ma pprotestaw!*

13) *Illi tant kienet superfluwu u bla bzonn ir-Risposta ta' Jean Paul Busuttil tad-9 ta` Frar (Dok. "FBS 3") li dina l-Onorabbli Qorti lanqas semmietha fil-provvediment finali Taghha tat-30 ta` Marzu 2017 (Dok. "A" anness mar-Rikors promotur ta' din il-kawza ta' ritassa);*

14) *Illi minhabba f'hekk, jista' jkun li r-Registratur seta', apparti l-kolonni li jidhru fuq it-taxxa mertu tal-kawza odjerna, zied ukoll kolonna ohra a favur ta' Jean Paul Busuttil li, sforz tal-mod ekwivoku li gie impostat l-okkju tar-rikors promotur tal-kawza numru 12/2015 JZM, ipprezenta r-Risposta tieghu kif fuq inghad.*

15) *Illi jekk tassew Jean Paul Busuttil kellu interess li jigu ntaxxati d-drittijiet u l-ispejjez li hu ghamel fil-kawaza numru 12/2015 JZM allura kellu d-dritt li jitlob li dawn jigu ntaxxati ukoll u li jinghata ghalieh kolonna fit-taxxa mahruga fir-rigward tal-kawza numru 12/2015 JZM. Naturalment, wara kien jkun kompitu tal-Qorti li tara jekk tali talba tkunx wahda valida u gustifikata.*

*Daqstant ghandhom x'jwiegbu l-esponenti f'dan l-istadju.*

*Bl-ispejjez u bir-riszerva ta' kull dritt iehor spettanti lill-esponenti.'*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-risposta ġuramentata.

Rat **ir-risposta ġuramentata ta' Jean Paul Busuttil (K.I.102172M), DrJohn Refalo u l-prokuratur legali Nicolette Aquilina de Noto tat-3 t'Ottubru 2017**[2] permezz ta' liema eċċepew –

*'Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu milqugha fl-interita taghhom hlief izda li l-esponenti ma ghandhomx ibatu l-ispejjez ta'din il-procedura, stante li r-risposta li giet intavolata fid-9 ta'Frar 2015 kienet giet intavolata minn Jean Paul Busuttil kif mharrek u mhux mill-kumpannija B&S Contractors Limited. B&S Contractors Limited ipprezentat ir-risposta taghha fil-5 ta' Frar 2015 iffirmata minn Dr. JJ Vella.*

*Illi jidher li t-taxxa hija affetta minn semplici zball tal-pinna (u mhux ta'komputazzjoni) liema zball jirrizulta mill-atti u l-esponent jifhem li r registatur messu ghamel il-korrezzjoni minghajr il-htiega ta'ebda kawza.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.'*

Rat **ir-risposta ġuramentata tar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali tal-4 t'Ottubru 2017**[3] permezz ta' liema eċċepixxa –

1. *'Illi din hija kawza ta' ritassa ai termini tal-Art 64 tal-Kap. 12 maghmula mill-atturi fir-rigward tal-kawza bin-numru 12/15 JZM fl-ismijiet Suzanne Busuttil et vs Francis Busuttil & Sons Limited et deciza fit-30 ta' Marzu, 2017.*

2. *Illi l-esponenti jissottometti illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt inter alia minhabba dawn ir-ragunijiet:*

---

[2] Fol 61 et seq
[3] Fol 63 et seq

*a) Illi kwantu ghall-ilment tar-rikorrenti numru (2.1) li l-kolonna f'isem "B&S Contractors Ltd" fit-taxxa li qed tigi attakkata ghandha tigi mhassra peress li din il-kumpanija irrispondiet flimkien mal-intimati ohra, jinghad li mill-process is-socjeta` B&S Construction Ltd ipprezentat risposta f'isimha proprju fid-9/2/2015 u l-avkukat taghha ippartecipa fil-kawza tant li pprezenta atti f'isem l-istess socjeta. Dan wassal biex inhareg rendikont tal-ispejjez tas-socjeta kif indikat fl-istess taxxa.*

*b) Illi nonostante dak li jghidu r-rikorrenti, huwa car li fid-9/2/2015 giet ipprezentata risposta, liema risposta qatt ma giet sfilzata, anzi hadd ma talab ghall-isfilz u ghalhekk saret parti mill-atti. Dan wassal biex skattaw id-drittijiet kontemplati fit-Tariffi annessi mal-Kap. 12 kif fuq kollox hija ibbazata l-istess taxxa.*

*c) Illi fil-paragrafu 10 tar-rikors promutur ir-rikorrenti jaghmel referenza ghall-verbal tal-24/2/2015 fejn Dr J.J.Vella rrinunzja ghall-patrocinju ta' Jean Paul Busuttil. Dan il-fatt jikkontradixxi kull ma qed jghid ir-rikorrenti fis-sens li dan il-fatt wahdu jfisser li l-istess Jean Paul Busuttil kellu lok fil-kawza. Il-fatt li l-Qorti halliet lill-istess Jean Paul Busuttil jipprezenta eccezzjonijiet minghajr ma talab permess tal-istess Qorti, ifisser li kien ghadu ma pprezenta ebda risposta ghax altrimneti kien ikollu jitlob il-permess tal-Qorti biex jipprezenta eccezzjonijiet ulterjuri.*

*d) Ill dwar jekk il-kolonna kellhiex tigi intestata Jean Paul Busuttil jew B&S Construction Ltd huwa ghal kollox superfluwu anke peress li r-rikorrenti jaf fil-fatt ghal min jirreferu l-intestaturi li huma mnizzlin fit-taxxa.*

*3. Illi ghalhekk huwa car illi t-taxxa de quo hija mahduma korrettement u hija valida ghaliex giet emessa skont il-ligi u kwindi t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.'*

Rat il-provi tal-partijiet u semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tagħhom.

Rat l-atti tal-proċeduri allegati Rik Ġur 12/15JZM fl-ismijiet Suzanne Busuttil et vs Francis Busuttil & Sons Ltd et.

Rat illi l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Il-kawża odjerna saret bil-għan li tiġi ordnata ritassa tal-kawża fl-ismijiet Suzanne Busuttil et vs Francis Busuttil & Sons Ltd et Rik Nru 12/15JZM wara li fil-fehma tal-atturi t-taxxa maħruġa mir-Reġistratur hija bbażata fuq suppożizzjoni erronea ta' fatt u ta' dritt. Huma jitolbu lill-Qorti tħassar u tirrevoka t-taxxa msemmija kif ukoll id-drittijiet kollha msemmija fit-taxxa msemmija u tordna t-tħassir tal-kolonna "B&S Contractors Ltd" jew li tiġi mmarkata "Jean Paul Busuttil" filwaqt li d-dritt tal-avukat f'dik il-kolonna jiġi mnaqqas b'terz a tenur tal-artikolu 33 tat-tariffa E tal-Ewwel Skeda tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

**<u>PROVI</u>**

1. Mill-atti tal-każ Rik Nru 12/15JZM jirriżulta li –

A. Fis-**7 ta' Jannar 2015** l-atturi odjerni Suzanne Busuttil u Brian Busuttil f`ismu proprju u bhala Direttur f`isem u in rapprezentanza ta` Stealth Holdings Limited C26763 intavolaw proċeduri kontra:

a. Francis Busuttil & Sons Limited, C 334,

b. B & S Contractors Limited, C 552,

ċ. Franco Busuttil ID 11461(M),

d. Michael Busuttil ID 51261(M),

e. Joseph Busuttil ID 90968M,

f. Christian Busuttil ID 199278M u

ġ. Jean Paul Busuttil ID 102172M,

ilkoll fil-kwalita` tagħhom kollha bħala diretturi f`isem Francis Busuttil & Sons Limited u B & S Contractors Limited, ħlief Franco Busuttil li ma huwiex Direttur ta` B & S Contractors Limited u Jean Paul Busuttil li ma huwiex direttur ta` Francis Busuttil & Sons Limited;

B. L-avukat Dr Patrick Galea u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil iffirmaw ir-rikors promotur imsemmi[4];

[4] Fol 47

Ċ. Fil-**5 ta' Frar 2015** ġiet preżentata "Risposta ta' l-intimati kollha" iffirmata mill-Av. Joseph J. Vella u l-Av. Albert Grech u ppreżentata mill-P.L. Gerald Bonello[5];

D. Fid-**9 ta' Frar 2015** ġiet preżentata "Risposta ta' Jean Paul Busuttil ID 102172(M) bħala direttur ta' B & S Contractors Limited (C 552)" iffirmata mill-Av. John Refalo u l-Av. Jennifer Shaw u ppreżentata mill-P.L. Nicolette Aquilina di Noto[6];

E. Waqt **l-ewwel seduta tal-24 ta' Frar 2015**[7] deher l-intimat Joseph Busuttil assistit mill-avukat Joseph J. Vella u deher ukoll l-avukat John Refalo għall-intimat Jean Paul Busuttil. Ġie verbalizzat ukoll is-segwenti –

*"Dr Vella, b'referenza għall-ewwel eċċezzjoni tal-intimati kollha ħlief għal Jean Paul Busuttil, li tiegħu Dr Vella qiegħed jirrinunzja għal patroċinju, jirrileva illi...."*

F. Fit-**30 ta' Marzu 2017[8]** il-Qorti ddeċidiet il-kawża billi ċaħdet it-talbiet tal-atturi u ordnatilhom iħallsu l-ispejjeż kollha ta' dik il-kawża.

2. Fl-**24 t'April 2017** inħadmet it-taxxa tal-kawża Rik 12/15JZM in kwantu għall-Kolonna 1 "Attur" fis-somma ta' €1,742.67, Kolonna 2 "Konvenut Francis Busuttil & Sons Ltd et" fis-somma ta' €1,385.90 u Kolonna 3 "Konvenut B & S Contractors Ltd" fis-somma ta' €983.56;

[5] Fol 24 et seq
[6] Fol 27
[7] Fol 32
[8] Fol 8 et seq

3. Xehdet **l-attriċi Suzanne Busuttil**[9] li tat dettalji dwar l-atti tal-kawża Rik 12/15JZM u materji anċillari inkluż dwar korrispondenza skambjata bejn l-avukati fir-rigward tat-taxxa in kwistjoni;

4. Xehed **ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, s-Sur Emanuel Sciriha**, dwar il-proċedura adottata fil-komputazzjoni tat-taxxa mpunjata[10];

5. Xehed **l-avukat Dr Joseph J. Vella** dwar ir-risposta preżentata fil-5 ta' Frar 2015 fil-proċeduri Rik Nru 12/15JZM[11];

6. Xehed **l-avukat Dr John Refalo** dwar ir-risposta preżentata fid-9 ta' Frar 2015 fil-proċeduri Rik Nru 12/15JZM[12].

## EĊĊEZZJONIJIET PRELIMINARI

**It-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-intimati Francis Busuttil & Sons Ltd et** jissollevaw il-punt li in kwantu t-taxxa tal-Qorti tirrigwarda r-relazzjonijiet bejn id-difensuri u l-klijenti kellhom ikunu parti fil-kawża odjerna anke l-Avukat Dr Patrick Galea u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil (li kienu l-avukat u l-prokuratur legali tar-rikorrenti fil-kawża Rik 12/15 li nbdiet permezz tar-rikors

[9] Affidavit a fol 74 et seq
[10] Fol 117 et seq u fol 146 et seq
[11] Fol 126 et seq
[12] Fol 138 et seq

tas-7 ta' Jannar 2015). Mhuwhiex suffiċjenti li huma l-firmatarji bħala avukat u prokuratur legali fil-kawża odjerna u għalhekk ir-rikors promotur huwa null.

**L-artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi hekk -

*"64.(1) L-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-reġistratur, u t-taxxi magħmulin minnu ma jistgħux jiġu attakkati wara li jagħlaq xahar. Dik l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors li għandu jiġi trattat sommarjament mill-qorti. Dan iż-żmien, għal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjeż, jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa, u, għad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att ġudizjarju, mill-ġurnata ta' dik in-notifika.*

*(2) Ir-rikorrent għandu jara li kopja tar-rikors għandha tiġi notifikata lil kull min ikollu interess fih, li mbagħad ikollu għoxrin jum li matulhom ikun jista' jippreżenta risposta.*

*(3) Il-proċeduri bil-miktub li għandhom x'jaqsmu mar-rikors għandhom jitqiesu magħluqin meta ssir ir-risposta jew jekk din ma ssirx, meta jagħlaq iż-żmien mogħti għaliha. Il-partijiet għandhom jiġu notifikati bid-data meta jkun ser jinstema' r-rikors."*

Bħala fatt u kif irriżulta mill-provi, l-Avukat Dr Patrick Galea u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil kienu rispettivament l-avukat u l-prokuratur legali tal-atturi fil-kawża Rik 12/15JZM fl-ismijiet *Suzanne Busuttil et vs Francis Busuttil & Sons Ltd et* li nbdiet permezz ta' rikors datat 7 ta' Jannar 2015.

Bħala fatt ukoll, fil-kawża odjerna fil-kawża odjerna t-tnejn li huma jirriżultaw firmatarji tar-rikors promotur tat-28 ta' Lulju 2017 u l-avukat Dr Patrick Galea qiegħed jippatroċina lill-istess atturi pero' ebda wieħed minnhom m'huwa parti fil-kawża.

Fil-każ ta' ritassa **L-Arkitett Raymond Vassallo et vs Windsor Holdings Limited et deċiż fis-17 ta' Marzu 2014** id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali kien ressaq eċċezzjoni li l-azzjoni attriċi kienet monka għaliex ma saritx kontra kull min għandu nteress. Il-Qorti laqgħet dik l-eċċezzjoni wara li kkunsidrat illi -

*"peress li fit-taxxa tar-reġistratur hemm ukoll id-dritt tal-avukat u prokuratur legali li kienu qegħdin jirrapreżentaw lil Windsor Holdings Limited fil-proċeduri, dawn kellhom jiġu mħarrkin peress li bla dubju għandhom interess."*

Wara li ġiet appellata dik is-sentenza, tressaq ukoll aggravju dwar l-akkoljiment ta' din l-eċċezzjoni mill-ewwel Qorti. Fis-sentenza tagħha tal-31 ta' Mejju 2019 il-Qorti tal-Appell ċaħdet dan l-aggravju wara li għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet -

*"Fl-ewwel aggravju tagħhom, l-appellanti jikkontendu li jekk kien hemm xi partijiet li ma ġewx oriġinarjament ċitati, l-ewwel Qorti ma messhiex ċaħdet it-talba mingħajr ma kkonsidrat it-talba għall-kjamata in kawża ta' partijiet oħra mressqa mis-soċjeta` Windsor Holdings Limited. Wara kollox, il-partijiet interessati kienu preżenti u rappreżentati għalkemm mhux formalment u għalhekk f'rikors għal ritassa, ir-rikorrent għandu jiġi mistieden jindirizza dan il-punt fil-proċeduri u mhux sempliċement jiġi miċħud fuq nuqqas ta' preżenza tal-partijiet kollha.*

*Għandu jingħad mal-ewwel, li din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-ewwel aggravju tal-appellanti...... kif ġie ritenut drabi oħra, f'kawża ta' ritassa ta' drittijiet, id-difensuri għandhom interess, u hemm lok li jiġu msejħin fiha. Inoltre d-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar l-integrazzjoni tal-proċess huma ta' ordni pubbliku u ma jistgħux jiġu derogati, lanqas bil-volonta' tal-partijiet. (Ara f'dan is-sens*

*is-sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-29 ta' Ottubru, 1935, fil-kawża fl-ismijiet* **Maria Concetta Libreri v. Edgar Staines noe,** *kif ukoll dik aktar reċenti tal-5 ta' Ġunju, 2003, dil-kawża fl-ismijiet* ***Albert Bezzina Wettinger v. Ir-Reġistratur tal-Qorti et.****) Wara kollox l-istess liġi fl-Artikolu 64 (2) tal-Kap. 12 tipprovdi li: "Ir-rikorrent għandu jara li kopja tar-rikors għandha tiġi notifikata lil kull min ikollu interess fih…" – Interess li ċertament jissusisti fil-każ tad-difensuri tas-soċjeta` intimata Windsor Holdings Limited, ladarba t-taxxa in kontestazzjoni tinkludi wkoll id-drittijiet li għandhom jitħallsu l-istess difensuri tas-soċjeta` appellata. Isegwi li l-ewwel Qorti ma setgħetx ħlief tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali; kwindi l-ewwel aggravju tal-appellanti, ma jistax jirnexxi."*

L-istess tagħlim dwar r-relazzjonijiet u obbligazzjonijiet naxxenti minn proċess ġudizzjarju u minn għandu l-interess fit-tfittixija tas-suġġett in eżami huwa riflesss fid-deċizzjoni tal-Qorti ta' l-appell fl-ismijiet **Emanuel Buttigieg fil-kwalità tieghu ta' mandatarju ta' l-assenti Carmel sive Charles Formosa et. vs Anthony Cauchi pro et. noe.**[13]

*"8. Illi kif intqal tajjeb fil-kawza fl-ismijiet* ***John Falzon ne vs Dr. Giuseppe Vella ne et****, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Frar 1946,* ***"bit-tassazzjoni li ssir wara li tigi moghtija sentenza jigu determinati zewg serji ta' rapporti partimonjali; wiehed jirrigwarda r-relazzjonijiet tal-kollitiganti bejniethom, u t-titolu ta' ezekuzzjoni huwa s-sentenza stess; u l-iehor jirrigwarda r-relazzjonijiet bejn id-difensuri u l-klijenti, u t-titolu ezekuttiv huwa t-taxxa".***

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum l-Qorti hija tal-fehma li l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti Francis Busuttil & Sons Ltd et huma

[13] Ċitazzjoni Numru 39/1992: 29 ta' Lulju, 2004

ġustifikati. It-talbiet tal-atturi jinkludu *"t-tħassir u r-revoka tat-taxxa maħruġa mir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili"* fil-kawża Rik 12/2015JZM u t-tħassir u r-revoka tad-"*drittijiet kollha ndikati fl-istess taxxa*", kwindi anke d-drittijiet tal-avukati u l-prokuraturi legali kollha nklużi f'dik il-kawża. La t-talbiet tal-atturi kif redatti jimpinġu direttament fuq id-drittijiet tal-avukati u l-prokuraturi **kollha** nvoluti f'dik il-kawża, inkluż l-avukat Dr Patrick Galea u l-prokuratur legali Jean Pierre Busuttil, dawn kellhom bilfors ikunu wkoll partijiet fil-kawża u mhux sempliċiment firmatarji tal-att promotur. Tibqa ssosstni lis-sub-inċiz 2 ta' l-artikolu 64 imsemmi huwa tassattiv f'dan meta igħid lir-rikors promotur bit-talab ta' ritassa għandu jiġi "*notifikat(a) lil kull min ikollu interess fih".*

Dan in-nuqqas proċedurali ma jħalli ebda alternattiva lill-Qorti ħlief li tilqa' l-eċċezzjonijiet imsemmija.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:**

**1. Tilqa' t-tieni u t-tielet eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti Francis Busuttil & Sons Ltd et u tiddikjara n-nullita' tar-rikors promutur tal-azzjoni odjerna;**

**2. Tiċħad it-talbiet tal-atturi bl-ispejjeż kontra tagħhom.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**